

# L-Inkwatru ta' San Ġużepp f'Ħaż-Żebbuġ

**Kitba ta' Mario Fenech**

F'Ħaż-Żebbuġ, fil-limiti tar-raħal, niltaqgħu ma' numru sabiħ ta' knejjes żgħar li tista' tgħid li l-biċċa l-kbira minnhom huma miżmuma fi stat tajjeb ħafna, neħħi xi eċċezzjoni bħalma hija l-Knisja tal-Immakulata, li hemm ftit 'l isfel minn Bieb De Rohan u l-Knisja tal-Viżitazzjoni f'Wied Qirda.

Fi pjazzetta li hemm ftit l-isfel mill-Knisja Arċipretali ta' San Filep hemm l-'Ospizju San Ġużepp'. Din hija binja li fiha, nhar il-festa ta' San Ġużepp fid-19 ta' Marzu tal-1794, kienu daħlu għall-ewwel darba numru ta' xjuħ biex jgħixu fiha.

Jista' jkun li din id-dar kienet ġiet iddedikata lil San Ġużepp minħabba l-fatt li f'Ħaż-Żebbuġ, fis-sena 1740, kienet twaqqfet il-Fratellanza ta' San Ġużepp. Għaldaqstant, id-devozzjoni lejn dan il-qaddis bdiet tinxtered sew mar-raħal kollu.

Kien il-fundatur ta' din id-dar, ċertu Gio. Battista Debono, li kien ħalla sitt elef skud biex ikun jista' jiġi miftuħ dan l-Ospizju. Kienu offrew l-għajnuna tagħhom żewġ benefatturi oħrajn għal dan il-proġett. Dawn kienu Dun Gejtano Fournier, li ħareġ għal din l-opra 350 skud, u l-Isqof Mons. Vincenzo Labini.

Kien jieħu ħsieb il-ħtiġijiet spiritwali tal-abitanti ta' din id-dar qassis li kien jismu Dun Giammari Pullicino, filwaqt li l-ispiżjar Ċensu Farrugia kien jieħu ħsieb it-tmexxija tagħha. Fil-bidu tas-seklu għoxrin, id-dar għaddiet f'idejn is-Sorijiet Franġiskani.



F'nofs din id-dar, hemm il-kappella iddedikata lil San Ġużepp. Mibnija fuq stil barokk, għandha artal wieħed li qiegħed f'daħla b'żewġ bibien mal-ġnub li jagħtu għas-sagristija. 'Il fuq mill-gwarniċ tal-kwadru fil-prospettiva, hemm imnaqqxa fil-ġebla ix-xbieha tal-Ispirtu s-Santu.

Fil-kwadru titulari hemm fih ix-xena tal-mewt ta' San Ġużepp. Għalkemm ma nafux min għamel dan ix-xogħol, nistgħu ngħidu li dan huwa xogħol li ħareġ minn idejn xi wieħed mill-alijevi tiegħu. Tant hu hekk li mal-ewwel daqqa t'għajn, tieħu l-impressjoni li l-kwadru tkun diġà rajtu x'imkien ieħor.



San Ġużepp f'din ix-xena qiegħed mimdud fuq is-sodda tal-mewt tiegħu filwaqt li qiegħed iħares lejn Ġesù. Dan qiegħed bilqegħda biswit is-sodda jikkunslah filwaqt li qiegħed iżommlu idejh. Fuq in-naħa l-oħra tas-sodda, il-Madonna bil-wieqfa b'idejha ma' xulxin b'ħarsa ta' dieqa fuq wiċċha. Anġlu b'idejh miftuħin jidher wara s-sodda tal-moribond iħejjieh biex jurih it-triq lejn is-sema.

Il-kuluri li intużaw mill-artist huma mirquma b'mod li l-attenzjoni tal-għajn tkun fuq il-figura ta' San Ġużepp. Il-panneġġi fid-drapp ta' fuq is-sodda huma l-firma tal-artist Francesco Zahra.

Dan huwa kwadru li jixraqlu li jitgawda ferm aktar, peress li l-post fejn qiegħed f'din il-kappella ma tantx jista' jitgawda mill-pubbliku. Huwa għalhekk xieraq li xogħlijiet ta' dawn it-tip jingħataw aktar prominenza għall-apprezzament ta' kulħadd.

Il-festa t-tajba lil kulħadd.